MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 970/2004

**Paul Debono**

**vs**

**Jason Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju, 2004 fejn intqal:**
**Illi din hija l-istanza fejn l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' mitejn u tmenin lira u ghaxar centezmi (Lm280.10) minnu subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara San Giljan fit-22 ta' Frar, 2004 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq l-vettura numru FAR-987 habat mal-vettura numru DAB-958, proprjeta` tal-attur li kienet ipparkjata, ghal liema incident il-konvenut**

**kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti. Oltre l-immsemija danni, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' April, 2004 u dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assigurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fil-21 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tmenin lira u ghaxar centezmi (Lm280.10) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-7 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' April, 2004 u dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assigurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal.Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------